**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Nassr Jaber**

**u**

**Hamid Afou**

**Illum, 28 ta' Lulju, 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Nassr Jaber**, ta' 30 sena, iben Fawzi u Estiham, imwieled Swaida, is-Sirja, nhar it-12 ta' Settembru, 1990, ta' nazzjonalita' Sirjana, detentur tal-Passaport Sirjan bin-numru 012-19-L004983, residenti s-Sirja, u tal-imputat **Hamid Afou**, ta' 22 sena, iben Mahmoud u Tayba, imwieled Kamchali, is-Sirja, nhar l-10 ta' Jannar, 1999, ta' nazzjonalita' Sirjana, detentur tal-karta tal-identita' Sirjana bin-numru 08130194429, residenti ġewwa s-Sirja;

Akkużati talli fis-27 ta' Lulju, 2021, u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi oħra:

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'dokumenti, jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokumenti li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, mbiddla jew sar xi tibdil fihom, u *cioe'*, kellhom fil-pussess tagħhom karti tal-identita' Griegi mbagħbsa bin-numri AO 597382 u AO 544650 (Kap. 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll akkużati talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni oħra, jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll akkużati talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorita' leġittima, użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument meħtieġ għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li jkun iffalsifikat (Kap. 217, Art. 32(1f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputati jirreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, liema ammissjoni huma kkonfermawha, u dan wara li l-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżathom bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċediet żmien biżżejjed sabiex jerġgħu jaħsbuha u jerġgħu lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, il-Qorti ma tistax ħlief issibhom ħatja tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, li kkoperaw mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, inkluż ukoll, mill-banda l-oħra, in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati **Nassr Jaber** u **Hamid Afou** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tikkundannahom għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva kull wieħed.

Tordna wkoll il-konfiska ta' Dok HG8 *ai termini* tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat